# DEĊIŻJONIJIET TAL-QRATI SUPERJURI TA' MALTA

## L-EWWEL PARTI QORTI TAL-APPELL

### L-EWWEL SEZZJONI — AWLA ĊIVILI

**18 ta' Jannar, 1963**

**Imħallfin:—**

**Is-S.T.O. Prof. Sir Anthony J. Mamo, O.B.E., C.St.J., Q.C., B.A., LL.D., President;**
**Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.;**
**Onor. Dr. W. Harding, C.B.E.,K.M., B.Litt., LL.D.**

Joan Zammit

*versus*

Anthony Zammit

**Mandat ta' Inibizzjoni — Notifika — Appell.**

*Biex il-Qorti tista' tordna l-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni kawtelatorju, il-liġi trid biss li l-Qorti tkun soddisfatta illi l-mandat hu neċessarju biex jikkawtela d-drittijiet ta' min jitlob il-ħruġ tiegħu, u illi min jagħmel dik it-talba jkollu "prima facie" dawk id-drittijiet.*

*Il-Qorti tista' tkun hekk soddisfatta bi kwalunkwe mod li jidhrilha xieraq u bastevoli, meta jkun hemm ċirkustanzi speċjali li jissuġġerulha dan il-kors, u mhix obligata tinnotifika lill-intimat bit-talba għall-ħruġ ta' dak il-mandat kontra tiegħu u tisimgħu qabel ma tordna l-ħruġ tal-mandat. Din però hi diskrezzjoni tal-Qorti.*

*Imma jekk il-Qorti teżiġi din in-notifika, trid li tisma' lill-intimat qabel ma tordna l-ħruġ tal-mandat, u r-rikorrent jinsisti li l-ordni għall-ħruġ tal-mandat jingħata mingħajr in-notifika preventiva tal-intimat, u għalhekk jappella mid-digriet*

*li jordna n-notifika, apparti minn jekk jingħatax appell dirett lill-Qorti tal-Appell minn digriet simili, il-Qorti tal-Appell ma tistgħax tipprosegwi u tiddiskuti l-appell mingħajr il-preżenza ta' kontradittur leġittimu, mingħajr ma jkun preżenti l-kontroparti. Appell hekk magħmul huwa inattendibbli u null.*

Il-Qorti:— Rat ir-rikors tal-imsemmija Joan Zammit quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tagħha r-Reġina tal-4 ta' Jannar 1963, li bih talbet il-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni kontra l-imsemmi żewġha;

Rat id-digriet ta' dik il-Qorti ta' l-istess ġurnata, li bih ordnat in-notifika ta' dak ir-rikors lill-istess Anthony Zammit bi żmien jumejn biex jirrispondi;

Rat ir-rikors l-ieħor ta' l-istess Joan Zammit lill-istess Qorti tal-15 ta' Jannar, li bih talbet li l-ħruġ tal-mandat jiġi ordnat qabel ikun tard wisq, taħt il-provvedimenti li jogħġobha tagħti dik il-Qorti;

Rat id-digriet tal-istess Qorti fuq dan ir-rikors, li bih, billi dehrilha li għall-finijiet tal-art. 876(2) Kap. 15 hemm bżonn li l-Qorti tisma' r-raġunijiet tar-rikorrenti u dawk tal-intimat qabel ma tiddeċidi għandux jew le jiġi awtorizzat il-ħruġ tal-mandat tal-inibizzjoni, irrespinġiet it-talba tar-rikorrenti magħmula bit-tieni rikors;

Rat it-tielet rikors tal-istess rikorrenti, dejjem quddiem l-istess Qorti li bih talbet ir-revoka "cortrario imperio" tad-digriet tal-4 ta' Jannar 1963, okkorrendo prevja konferma bil-ġurament tar-rikorrenti;

Rat id-digriet tal-istess Qorti tad-9 ta' Jannar 1963, li bih, billi dehrilha li r-raġuni addotta mir-rikorrenti ma tiġġustifikax id-domanda, irrespinġiet it-talba;

Rat ir-rikors li bih l-imsemmija Joan Zammit appellat lil din il-Qorti mill-imsemmija digriet tal-Ewwel Qorti tal-4 u tal-5 ta' Jannar, u talbet ir-revoka tagħhom, billi minflok it-talba tagħha tiġi milqugħa b'dawk il-provvedimenti li din il-Qorti jogħġobha tagħti;

Semgħet l-avukat tar-rikorrenti, u kkunsidrat;

L-appellanti trid li dan l-appell isir mingħajr kontradittur leġittimu. Ir-raġuni hi dik l-istess avanzata quddiem l-Ewwel Qorti in konnessjoni mar-rikorsi magħmula quddiemha, illi bin-notifika jistgħu jiġu preġudikati l-interessi tagħha, fis-sens illi, jekk Anthony Zammit jiġi nfurmat bittalba għall-ħruġ tal-mandat qabel ma dan ikun ġie eżegwit, hu aktarx jiddisponi mill-ħwejjeġ li hi tixtieq li hu jiġi inibit milli jiddisponi minnhom; b'dan il-mod, tgħid ir-rikorrenti, l-iskop tal-mandat jista' jiġi għal kollox frustrat;

Apparti mill-kwistjoni jekk mid-digrieti tal-Ewwel Qorti fuq imsemmija jingħatax appell lil din il-Qorti bilmod segwit mir-rikorrenti, l-ewwel kwistjoni hi jekk l-appell jistgħax jiġi prosegwit u diskuss mingħajr il-preżenza ta' kontroparti. Din il-Qorti ma tistgħax tesprimi ruħha fuq il-meritu, jekk ċjoè għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni hux dejjem neċessarju jinstemgħa l-intimand. Il-liġi tgħid biss illi l-Qorti trid tkun soddisfatta illi l-mandat hu neċessarju biex jikkawtela d-drittijiet in kwistjoni, u li r-rikorrent "prima facie" jidher li għandu dawk iddrittijiet. Ċertament, mhux impossibbli tipprospetta każijiet fejn il-Qorti tista' tkun hekk soddisfatta anki mingħajr ma tisma' l-parti l-oħra, u każijiet fejn appuntu l-eżitu utili tal-mandat ikun jiddependi mill-ħruġ spedit tiegħu bla prevja nformazzjoni tal-parti li trid tkun inibita. Din hi kwistjoni ta' diskrezzjoni tal-Qorti adita, li mhix obligata bilfors li tinnotifika u tisma' lill-intimand, u tista' tissoddisfa ruħha bi kwalunkwe mod ieħor li jidhrilha xieraq u bastevoli meta hemm ċirkustanzi speċjali li jissuġġerixxu dan il-kors. Iżda, kif intqal, din hi kollha kwistjoni ta' meritu li din il-Qorti ma tistgħax tippronunzja ruħha fuqha, fl-ewwel lok, fin-nuqqas ta' kostituzzjoni regolari tal-appell b'forma kontenzjuża bin-notifika tal-parti l-oħra;

Għalhekk, stante n-nuqqas ta' kontradittur leġittimu, apparti kull kwistjoni oħra, tiddikjara l-appell inattendibbli u null, bl-ispejjeż;